MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2011

Numru. 1249/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ivan Cilia)**

**vs**

**Jason Cordina ta' 31 sena, bin John u Maria Dolores nee` Mangion, imwieled tal-Pieta` fid-19 ta' Mejju 1979, u li joqghod f'numru 166, Triq Azzopardi, Marsa. Detentur tal_Karta ta' l-identita numru 240779M**

**Spiridione Gatt ta' 41 sena, bin John Mary u Elvira nee` Micallef, imwieled tal-Pieta`fl-4 ta' Novembru 1968, u li joqghod f'numru 9, Vjal Ganni Nikola Buhagiar, Lija. Detentur tal-Karta ta' l-identita` numru 468968M**

**Vincent Sciberras ta' 49 sena, bin Emanuel u Paola nee` Abdilla, imwieled iz-Zurrieq fit-13 ta' April 1961, u li joqghod f'numru 48, Triq Napulju, Zurrieq. Detentur tal-Karta ta' l-identita` numru 259061M**

**Mario Camilleri ta’ 33 sena, bin Mario u Emanuela nee` Gatt, imwieled tal-Pieta` fis-7 ta’ Frar 1977, u li joqghod f’numru 232, Alley No. 5, Triq Carmel, Luqa. Detentur tal-Karta ta’ l-identita` numru 107177M**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputati Jason Cordina, Spiridione Gatt, Vincent Sciberras u Mario Camilleri gew akkuzati:

talli f’Awwissu tas-sena 2009, u fix-xhur ta’ wara, f’dawn il-Gzejjer, wghedu, tghaw, jew offrew, sew b’mod dirett sew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaci li jaghmlu xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub Titolu (IV) tat-Titolu III tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabiex igghelu lil dik il-persuna ohra tesercita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal dik il-persuna ohra jew ghal xi hadd iehor;

**Lil Jason Cordina wahd:**

kif ukoll talli Jason Cordina sar recidiv ghat-termini ta’ l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li gie ikkundannat b’sentenza mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenza hija definittiva u ma tistghax tigi mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat General ital-24 ta’ Novembru, 2010, sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputati liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputati inghataw zmien xieraq sabiex jirrikonsidraw l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni mghamulha l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputati hatja ta’ l-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom.

Illi meta tigi biex tqis l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputati u l-fatt illi huma ikkoperaw mal-pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet taghhom. Illi fir-rigward ta’ l-akkuza tar-recidiva fil-konfront tal-imputat Jason Cordina l-Qorti ser tqis din l-akkuza biss fid-dawl tal-artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u mhux ukoll l-artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta billi dina tirreferix ghall-kummissjoni ta’ delitt.

Illi meta tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputati, il-fedina penali taghhom li mhix allarmanti u fuq kollox il-fatt illi ikkoperaw mal-pulizija u ser jghinu lill-pulizija fi proceduri kriminali kontra l-awtur ta’ dana r-reat.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 121A(1) u 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lill-imputati hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti qed tillibera lill-imputati bil-kundizzjoni li ma jghamlux reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-imputati skond il-ligi jekk huma jikkommettu reat iehor matul dan il-perjodu ta’ liberta taht kundizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------